Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9956 — DTC/CEPCON/Hornsea One OFTO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 437/10)

1. Fid-9 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Diamond Transmission Corporation Limited ("DTC", ir-Renju Unit) ikkontrollata minn Mitsubishi Corporation ("Mitsubishi", il-Ġappun),

— Chubu Electric Power Company Netherlands B.V. ("CEPCON", in-Netherlands), ikkontrollata minn Chubu Electric Power Co., Inc. (il-Ġappun),

— Hornsea One OFTO (ir-Renju Unit).

DTC u CEPCON jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Hornsea One OFTO kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— DTC: kumpanija azzjonarja, li tintegra l-attivitajiet ta' investiment ta' Mitsubishi fit-taqsima tat-trażmissjoni. Mitsubishi hija kumpanija kummerċjali globali b'attivitajiet relatati mal-enerġija, il-metalli, il-makkinarju, il-kimiċi, l-ikel u l-merkanzija ġenerali,

— CEPCON: azzjonista fil-proġett ta' Chubu barra l-pajjiż. Chubu huwa grupp ta' servizzi multienerġetiċi b'attivitajiet relatati mal-utilità elettrika u intraprizi relatati, il-provvista tal-gass u s-senserija tal-ħżin termali, negozji tal-enerġija fil-post, konsulenza u investiment barra mill-pajjiż, servizzi ta' ġestjoni tal-proprjetà immobbli u servizzi tal-IT,

— Hornsea One OFTO: is-sjieda u t-tħaddim tan-network ta' trażmissjoni għall-park eoliku fuq il-baħar ta' Hornsea One.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9956 — DTC/CEPCON/Hornsea One OFTO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.